Dok 67

**Niddefendu d-dritt ghal-ambjent ahjar ghar-residenti taz-zona ta' Hal Mula f'Haz Zebbug**

Onor. Dr Franco Mercieca

Onor Dr Mercieca,

Bhala grupp ta' residenti ta' Triq Dun Bartilmew Attard, liema triq taghmel parti miz-zona ta' Hal Mula f'Haz Zebbug, li tinkludi residenti u SME's, lqajna b'sodisfazzjon id-decizjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar li tirrevedi l-pjan ezistenti ghaz-zona ta' Hal Mula u Gharram li sar fl-2009 u li sar minghajr ebda konsultazzjoni maghna. Pero nemmnu, li filwaqt li ahna naqblu maz-*zoning* li qed tipproponi l-Awtorita ghal din l-area, hemm lok ghal titjib f'dan l-istess pjan sabiex verament ikun effettiv. Nemmnu wkoll li dawn il-punti li qed nipproponu bhala residenti, jistghu jitressqu ghall-attenzjoni tal-istess Kumitat Parlamentari tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-Awtorita tal-Ippjanar bl-iskop li s-sitwazzjoni prezenti f'din iz-zona ta Haz Zebbug titranga ghall-beneficcju tar-residenti u wkoll tal-intraprizi li joperaw f'din it-triq.

Il-Punti li ahna qeghdin nitolbu li jigu kkunsidrati huma:

1. li Triq Dun Bartilmew Attard ghandha tigi kollha kkunsidrata bhala zona residenzjali. Fil-pjan propost l-Awtorita tal-Ippjanar qieghda tikkunsidra li naha wahda ta din it-triq tkun residenzjali filwaqt li n-naha l-ohra tkun meqjusa bhala kummercjali. Fil-fehma taghna dan ma jaghmilx sens.

2. Waqt zewg laqghat ta konsultazzjoni li saru dwar dan il-pjan, tqajjem hafna il-punt tal-infurzar tal-ligijiet tas-sahha u s-sigurta. Sfortunatament dawn il-ligijiet ftit li xejn ikunu rispettati f'din it-triq kif ukoll fiz-zona kollha u dan b'detriment ghalina r-residenti. Ghalhekk ahna qed ninsistu li ghandu jkun hemm aktar infurzar u spezzjonijiet regolari sabiex il-ligijiet tas-sahha u sigurta' jkunu rispettati.

3. Qed ninsistu wkoll li ghandu jkun hemm hinijiet specifici fejn l-industriji f'din it-triq ghandhom joperaw filwaqt li l-awtoritajiet ghandhom jaraw li dawn il-hinijiet ikunu rispettati.

4. Filwaqt li l-Awtorita tal-Ippjanar qed tipproponi tibdil fil-pjan lokali sabiex fi kliemha ttejjeb l-ambjent u l-kundizzjonijiet li fihom jghixu r-residenti ta' din it-triq, fl-istess waqt, qed tkompli taccetta permessi ta aktar industriji fuq il-pjan lokali ezistenti. Fl-opinjoni taghna, dan m'ghandux isir ghax dan jimmina t-tibdil li qed tippropni l-istess Awtorita. Fi kliem iehor, jekk kull min ghandu garaxx fit-triq jinhariglu permess ta sprayer jew panel beater, ikun inutli li ssir il-bidla proposta ghax il-hsara tkun diga saret ! Ghalhekk ahna nemmnu li l-permessi ghandhom jitwaqqfu temporanjament sakemm jidhol fis-sehh il-pjan il-gdid. Meta qajjimna dan il-punt waqt il-laqgha, is-Segretarju Parlamentari l-Onor Dr Deborah Schembri qalet li dan hu skont il-ligi prezenti. Ghalhekk nhossu li hemm bzonn li l-ligi tkun amendata.

5. L-Awtorita tal-Ippjanar harget bi proposta li twessa parti mit-triq fejn jabitaw ir-residenti u dan billi l-faccata tkun irtirata 6 metri 'l gewwa. Ahna nemmnu li din il-proposta ghandha tkun abbandunata ghaliex tohloq inkonvenjent u inkwiet bla bzonn ghar-residenti. Minflok ahna nissuggerixxu li:

- ikunu regolati d-daqsijiet ta vetturi kbar bhal containers u trakkijiet li jidhlu fit-triq biex jghabbu u jhottu l-merkanzija.
- Li ghandu jinstab post fl-istess zona fejn isir parking adekwat ghal-klijenti tal-SME's li hemm fiz-zona, u li jkun jista jintuza wkoll mir-residenti.
- Li b'mod immedjat ma johorgux aktar permessi ta industriji fit-triq ghax anke fi kliem l-Awtorita stess, it-triq hija mahnuqa bl-attivita kummercjali u residenzjali.

Filwaqt li nirringrazzjak bil-quddiem tal-hin tieghek sabiex taqra dawn il-proposti, napprezzaw hafna bhala residenti, jekk dawn il-proposti jitressqu ghad-diskussjoni fil-laqgha tal-Kumitat ta nhar it-Tlieta u jkunu kkunsidrati mill-Awtorita tal-Ippjanar u l-Gvern Centrali. Dan sabiex ikun zgurat li tittiehed l-ahjar decizjoni li ssib bilanc gust bejn l-attivita kummercjali u ambjent dicenti ghar-residenti tal-istess triq.

dejjem tieghek

Anton Fenech
F'isem grupp ta' residenti Triq Dun Bartilmew Attard
Haz Zebbug